# Il-Kor tal-Knisja tax-Xlendi (3)

## *'Stella Maris'*

**Kitba tal-Kan. Giovanni Cremona**

### Il-Kor tal-Knisja tax-Xlendi fis-Sena1975



Is-sena 1975 kienet sena oħra ta' ħidma b'risq il-Kor Stella Maris. Fl-ewwel ta' Jannar ta' dik is-sena uħud mill-membri tal-Kor bdew jitgħallmu jdoqqu xi strumenti muzikali bħalma huma pjanu u orgni, vjolin u piano accordion. Magħruf issa sew għal kapaċità tiegħu, il-Kor tax-Xlendi, ħa sehem fil-Festa ta' San Ġwann Bosco li kull sena ssir fl-Oratorju tar-Rabat fl-aħħar weekend ta' Jannar.

Sabiex il-membri tal-Kor ikunu dejjem aktar attivi kemmil-darba jirċievu d-dar ittra ċirkulari li tinfurmahom dwar l-ideal u l-iskop li għalih twaqaf il-kor fis-sena 1968.Huma minn sena għal oħra jġeddu l-fehma tagħhom dwar jekk iridux jibqgħu membri fil-Kor. Nhar it-18 ta' Marzu 1975, Mons Isqof Nikola Cauchi kien ibierek il-Via Sagra l-[dida, fil-knisja tax-Xlendi, flimkien mal-Kurċifiss il-Kbir u l-istatwa ta' San Ġuzepp, Sant'Anna u Sant'Anjeże. Għal din l-okkażżjoni l-Kor Stella Maris kien ħa sehem, billi esegwixxa l-kant meħtieġ. Ftit jiem wara fit-8 t'April 1975 Mons. Ġuzeppi Debrincat, (tal-Anġolin) irregala lil-Kor tax-Xlendi l-Antifona Mużikata minnu 'Gloria Libani' biex titkanta fil-festa Titulari tal-Madonna tal-Karmnu.

Fis-sena 1975, fil-Knisja tax-Xlendi bdew jiġu ċċelebrati is-Sebà Sibtijiet li jiġu qalbel is-16 ta' Lulju bi tħejjija għas-Sollennità Liturġika Titular ital-Karmnu. F'dawn is-Sibtijiet il-kant kien esegwit mill-Kor tax-Xlendi. Kienet imbagħad okkazzjoni memorabbli dik tas-Sibt 14 ta' Ġunju 1975, meta rajna fil-Knisja tax-Xlendi lil Eminenza Tieg#u l-Kardinal Emengildo Florit, Kardinal ta' Firenze fl-Italja. Huwa ċċelebra quddiesa Pontifikali u fl-omelija tiegħu faħħar il-Kor Stella Maris li esegwixxa l-kant matul il-quddiesa. Hekk naqraw fil-Kronaka tal-Knisja: 'Waqt li l-Kardinal Florit kien dieħel fil-Knisja il-Kor taħt it-tmexxija tas-Seminarista Giovanni Cremona kanta l-Marcia Pontificja. Imbagħad ftit wara bdiet il-Konċelebrazzjoni Pontifikali. Fl-Introjtu, fl-Offertorju u fit-Tqarbin tkantaw diversi siltiet minn Opri klassi`bit-taljan. Il-partijiet l-oħra tal-quddiesa tkantaw bil-Latin'Missa di Angelis'. Waqt l-omleija l-Kardinal faħħar il-Kor għall-ħlewwa u l-ezattezza tiegħu waqt il-kant u anke għax kantaw bit-taljan u bil-latin.



Fil-Festa tal-Kwaranturi tas-Sena 1975 li nżammu fil-31 ta' Lulju u fl-1 u 2 ta' Awwissu l-kant kien esegwit mill-Kor tax-Xlendi taħt id-direzzjoni tas-Sem. Giovanni Cremona. Rigward il-Festa Titulari tas-Sena 1975 fil-Kronaka tasl-knisja nisbu hekk:'Matul il-jiem tal-Festa Titulari il-kant kien esegwit mill-Kor 'Stella Maris'. Nhar il-Festa filgħaxija il-kant kien esegwit mill-Kor Vox Clamantis' tax-Xewkija b'ringrazzjament għall-ħidma tal-kanturi. Ftit jiem wara l-Festa Titulari, kellhom Ikla fil-ħanut ta' Manwel Vella fix-Xlendi.'

Biex aktar il-membri jitħeġġu fil-ħidma korali, ta' spiss kien ikollhom laqgħat u ħarġiet edukattivi. Fil-Kronaka nsibu: 'Fit-2 ta' Novembru 1975 fil-għodu mill-10.00 sas-sagħtejn ta' wara nofsi in-

nhar il-membri tal-Kor tax-Xlendi kellhom 'Get together' Huma żarul-Ġgantija, l-Għar ta' Ninu u l-Għar ta' Xerri fix-Xagħra. Imbagħad kellhom quddiesa għand l-Ispeculatriċi. Imbagħad mix-Xagħra nżilna r-Ramla fejn ħadna xi ikel flimkien".

Għal ħidma tant kbira l-poplu tax-Xlendi iżjed kompla jitħajjar u jinteressa ruħu fl-attivitajiet li jsiru. Anke l-offerti mill-Benefatturi mit-twaqqif tal-Kor 'l hawn żdiedu ħafna u jekk sa issa l-Knisja tax-Xlendi kellna Harmonju mogħti minn Benefattur, nhar it-8 ta' Novembru 1975 b'riħet il-Kor Stella Maris ġie rregalat Electric Chrod organ minn Ġuzè u Katy Azzopardi.



L-inawgurazzjoni u t-Tberik ta' dan l-orgni saru fil-Lejl tal-Milied tas-Sena 1975, meta fl-istess okkazjoni tal-Funzjoni ta' Lejliet il-Milied il-Kor Stella Maris ħa sehem f'Akkademja Mużiko Letterarja f'Ġieh il-Kappillan tagħna Dun Ġuzepp Curmi li fl-14 ta' Ottubru 1975 kien ġie ma]tur Monsinjur tal-Katidral. F'din l-okkażjoni l-Kor tagħna akkumpanjat mid-daq tal-orgni l-ġdid, flimkien ma' seba' vjolinisti, mandolina u piano accordion, esegwixxa l-kant kollu. Il-Kor u l-Orkestra kienu taħt id-direzzjoni tas-Sem. Giovanni Cremona. Il-membri tal-Kor ukoll organizzaw il-Purċissjoni tal-Bambin u l-Pageant tal-Milied.

### Il-Kor tax-Xlendi fis-Sena 1976

L-ewwel attivita' tas-Sena 1976, għal Kor Stella Maris tax-Xlendi kienet meta l-Kor esegwixxa quddiesa cantata ' De Angelis' fil-Knisja tas-Sorijiet Dumnikani fir-Rabat Għawdex, fl-okkażjoni tal-Ewwel Sibt tal-Madonna ta'Pompej. Il-kant tal-Kor kien akkumpanjat mid-daqq tal-orgni u erba' vjolini ta#t id-direzzjoni tas-Sem. Giovanni Cremona.

Fl-ewwel Weekend ta' Frar, għal Festa ta' San Ġwann Bosco li saret fl-Oratorju fir-Rabat Għawdex ġiet imxandra quddiesa fuq il-Cable Radio' animata mill-Kant tal-Korijiet 'Stella Maris' tax-Xlendi 'Kristu Sultan' tal-Fontana u l-Kor tal-Oratorju nnifsu akkumpanjati mid-daqq tal-orgni u sitt vjolini taħt id-direzzjoni tas-Sem. Giovanni Cremona.

Għall-festa Sekondarja ta' San Ġuzepp miżmuma fil-Knisja tax-Xlendi f'nofs Marzu 1976 il-Kor Stella Maris organizza film domumentarju bl-isem 'Il-Familja ta' Nazareth' Il-Kor ukoll ħa sehem bil-kant fil-funzjonijiet tal-Festa ta' San Ġuzepp.

Ukoll fis-Seba' Sibtijiet li jsiru bi tħejjija għas-Sollennità Liturġika Titulari tal-Karmnu, il-Kor tax-Xlendi ħa sehem bil-kant melodjuż tiegħu matul is-Sibtijiet kollha.

Għall-Festa tal-Kwaranturi fil-Bidu t'Awwissu 1976 Il-Kor 'Stella Maris' esegwixxa kant Ewkaristiku mill-aktar sbieħ. Bħala parti mill-Festa Titulari tal-Madonna tal-Karmnu, nhar it-3 ta' Settembru 1976 ġiet imtellgħa Akkademja Marjana. Il-Kor Stella Maris ħa sehem attiv f'din l-akkademja. Fost oħrajn il-Kor kanta l-Ave Marija ta' G. Arcadelt, il-kor tal-Lombardi ta' G. Verdi, Totus Tuus ego sum.

F'Jum il-Festa Titulari, imbagħad, ġiet esegwita quddiesa b'zewġ vuċijiet tas-Surmast Carmelo Zammit xejn inqas il-Kor Stella Maris matul is-sena kollhakien jieħu sehem fil-Festi u Funzjonijiet li jsiru fil-Knisja tax-Xlendi.

## Egħluq

J'Alla li dan ix-xogħol kollu, mwettaq mill-Kor "Stella Maris" tax-Xlendi ma jisfax fix-xejn, iżda minn jum għal ieħor, il-Kor jibqà jikber u jaħdem għal ġieh t'Alla u tal-Madonna tal-Karmnu u biex l-isem tal-Knisja tal-Bajja tax-Xlendi jibqa' minqux għal dejjem fl-istorja tal-Gżira tat-Tlett Għoljiet.